MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Numru 863/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**vs**

**Carmelo Schembri u Joseph Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Carmelo Schembri, 37 sena, bin Bartholomew u Giovanna nee' Micallef imwieled il-Mosta fit-13 ta' Gunju, 1964 u residenti 68, 'Il-Bejta' Triq ir-Refugjati, Mosta detentur ta' karta ta' identita numru 319964(m); u

Joseph Schembri, 31 sena, bin Bartholomew u Giovanna nee' Micallef imwieled il-Mosta fid-9 ta' Mejju, 1969 u

residenti 62, ‘Oleander’ Ta’ Xkora, Mosta detentur ta’ karta ta’ identita numru 190169(m) akkuzat talli:

fit-22 ta’ April 2002 u fil-jiem ta’ qabel, fir-Rabat wettqu xi attivita’ jew operazzjoni, jew kienu ingaggati f’xi attivita’ jew operazzjoni tali, li tirrigwarda r-rizorsi ta’ l-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellhomx licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita’ ta’ Malta dwar ir-rizorsi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet l-imputati jammettu l-akkuza f’liema ammissjoni baqghu jippersistu anke wara li l-Qorti tathom zmien biex jikkunsidraw;

Rat it-talba tallum stess tal-Prosekuzzjoni ghas-separazzjoni tal-gudizzju, akkordata.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Li stante l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati issibhom hatja. Rat l-Artikolu 26 tal-Kap 423 u kkonsidrat c-cirkostanzi kif jirrizultaw mill-inkjesta u r-relazzjoni tal-Perit Arkitett Richard Aquilina w tilliberahom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 (Art 22 tal-Kap 446) bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor ghall-perjodu ta’ sitt xhur millum.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------